2) L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa għandu wkoll, f'sitwazzjoni komparabbli ma' dik fil-kawża preżenti, effett dirett fir-relazzjonijiet bejn individwi b'tali mod li l-kredituri privati jkollhom jaċċettaw it-tnaqqis jew it-tmiem tad-djun dovuti lilhom minn debitur li jkun stabbilixxa ruħu barra mill-pajjiż?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein oikeus (il-Finlandja) fit-22 ta' Diċembru 2017 – Vantaan kaupunki vs Skanska Industrial Solutions Oy, NCC Industry Oy, Asfaltmix Oy**

**(Kawża C-724/17)**

(2018/C 083/21)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Vantaan kaupunki

*Konvenuti:* Skanska Industrial Solutions Oy, NCC Industry Oy, Asfaltmix Oy

**Domandi preliminari**

1) Id-determinazzjoni tal-entitajiet marbuta li jikkumpensaw dannu kkawżat minn aġir li jmur kontra l-Artikolu 101 TFUE għandha ssir fuq il-bażi ta' applikazzjoni diretta ta' din id-dispożizzjoni, jew fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali.

2) Fil-każ li l-entitajiet responsabbli għandhom jiġu ddeterminati direttament fuq il-bażi tal-Artikolu 101 TFUE, l-entitajiet marbuta li jikkumpensaw id-dannu huma dawk li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "impriża" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni? Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-entitajiet responsabbli għall-kumpens tad-danni, għandhom jiġu applikati l-istess prinċipji li l-Qorti tal-Ġustizzja applikat għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-entitajiet responsabbli fil-kuntest tas-sanzjonijiet pekunjarji u li skonthom ir-responsabbiltà tista' b'mod partikolari tkun ibbażata fuq l-appartenenza għall-istess unità ekonomika jew fuq il-kontinwità ekonomika?

3) Fil-każ li l-entitajiet responsabbli għandhom jiġu ddeterminati fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali tad-dritt tal-Istati Membri, għandha titqies li tmur kontra r-rekwiżit ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha kumpannija li, wara li tkun kisbet il-kapital azzjonarju kollu ta' kumpannija li pparteċipat f'akkordju pprojbit mill-Artikolu 101 TFUE, xoljiet il-kumpannija inkwistjoni u assumiet l-attività tagħha, ma tkunx marbuta tikkumpensa d-dannu kkawżat mill-aġir antikompetittiv tal-kumpannija inkwistjoni, anki jekk ikun prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jinkiseb kumpens mill-kumpannija xolta? Ir-rekwiżit ta' effettività jipprekludi interpretazzjoni tad-dritt intern tal-Istat Membru li jissuġġetta r-responsabbiltà għad-danni għall-kundizzjoni li operazzjoni ta' trasformazzjoni tat-tip hawn fuq deskritta tkun twettqet b'mod illegali jew artifiċjali, sabiex jiġi evitat l-obbligu tal-kumpens tad-danni kkawżati minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, jew għal skopijiet frawdolenti oħra, jew, tal-inqas, għall-kundizzjoni li l-kumpannija kienet taf jew kellha tkun taf bil-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni fil-mumenet li hija wettqet din l-operazzjoni ta' trasformazzjoni?

---

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

**(Kawża C-729/17)**

(2018/C 083/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Tserepa-Lacombe, H. Støvlbæk)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ellenika

**Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, billi llimitat il-forma legali tal-fornituri tas-servizz ta' taħriġ tal-medjaturi offrut lil kumpanniji li ma jkollhomx skop ta' lukru li għandhom jiġu kkostitwiti minn tal-inqas assoċjazzjoni ta' avukati u tal-inqas kamra tal-kummerċ fil-Greċja, b'mod konformi mal-liġi Nru 3898/2010 u d-digriet presidenzjali Nru 123/2011, il-Greċja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE u tal-Artikolu 15(2)(b) u (c) u (3) tad-Direttiva 2006/123/KE ([1]);

— tiddikajara li, billi ssuġġettat il-proċedura ta' rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi għall-kundizzjonijiet ta' impożizzjoni ta' rekwiżiti ulterjuri relattivi għall-kontenut taċ-ċertifikati u ta' impożizzjoni ta' miżuri kumpensatorji mingħajr valutazzjoni preliminari ta' differenzi sostanzjali u billi żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet leġiżlattivi diskriminatorji li jirrikjedu li l-persuni li jitolbu l-akkreditament tal-kwalifika ta' medjatur li jkunu fil-pussess ta' kwalifiki ta' akkreditament miksuba barra 'l-pajjiż jew inkella minn fornitur rikonoxxut ta' taħriġ barra 'l-pajjiż wara korsijiet ta' taħriġ ipprovdut fil-Greċja, għandu jkollhom esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċeduri ta' medjazzjoni, il-Greċja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 TFUE, kif ukoll tal-Artikoli 13, 14 u 50(1) u tal-Anness VII tad-Direttiva 2005/36/KE ([2]);

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ħlas tal-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

1. **Ksur tad-dritt ta' libertà ta' stabbiliment iggarantit mill-49 TFUE u mill-Artikolu 15(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern.**

L-Artikolu 5(1) tal-liġi 3898/2010 u d-digriet presidenzjali relattiv Nru 123/2011 jistabbilixxu li l-kumpanniji li jipprovdu taħriġ lill-medjaturi għandhom ikunu esklużivament fil-forma legali ta' kumpannija mingħajr skop ta' lukru u kkostitwiti tal-inqas minn tal-inqas assoċjazzjoni ta' avukati u tal-inqas kamra tal-kummerċ fil-Greċja u għandhom jibdew joperaw biss wara li jkunu kisbu l-awtorizzazzjoni mill-awtorità imsemmija fl-Artikolu 7 ta' tali liġi.

Tali restrizzjonijiet jgħoddu kemm għall-fornituri li jixtiequ jistabbilixxu ruħhom fil-Greċja għall-ewwel darba kif ukoll għal dawk li jixtiequ stabbiliment sekondarju permezz ta' sussidjarja.

L-ebda persuna fiżika jew legali li ma tkunx assoċjazzjoni ta' avukati jew kamra tal-kummerċ ma tista' tistabbilixxi entità ta' taħriġ tal-medjaturi li, abbażi ta' tali taħriġ, ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-eżami għaċ-ċertifikazzjoni tal-kwalifika ta' medjatur fil-Greċja dment li ma jkollhiex l-appoġġ ta' assoċjazzjoni ta' avukati jew kamra tal-kummerċ tal-pajjiż.

Barra minn hekk, kull fornitur li l-forma legali attwali tiegħu ma hijiex waħda mingħajr skop ta' lukru huwa eskluż mill-possibilità li joffri lil medjaturi potenzjali, bil-ħlas ta' miżati, it-taħriġ, li abbażi tiegħu dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-eżami sabiex jiġi akkreditati bħala medjaturi fil-Greċja.

Fl-aħħar, kull fornitur minn Stat Membru ieħor, li jkun interessat jipprovdi s-servizz inkwistjoni filwaqt li jitħallas il-miżati mill-istudenti li jirreġistraw għal korsijiet ta' taħriġ għall-medjaturi, huwa fil-verità eskluż milli jidħol fis-suq Grieg u milli jistabblixxi stabbiliment sekondarju fil-forma ta' sussidjarja, dment li l-istat legali attwali tiegħu ma tkunx waħda mingħajr skop ta' lukru u dment li l-għażla ta' sussidjarja ma tkunx limitata għal entità mingħajr skop ta' lukru.

Il-Kummissjoni tqis li dan kollu jikkostitwixxi restrizzjoni għad-dritt ta' stabbiliment kif sanċit fl-Artikolu 49 TFUE u fl-Artikolu 15(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-suq intern.

Tali restrizzjoni ma hijiex koperta mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 51(1) TFUE peress li l-provvista ta' servizzi ta' taħriġ tal-medjaturi ma tikkostitwixxix attività konnessa mal-Istat, mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika u, b'mod partikolari, "mal-amministrazzjoni tal-ġustizzja". Barra minn hekk, ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni fl-interess tal-protezzjoni tal-kwalità tas-servizzi, peress li dan ma huwiex konness direttament mar-restrizzjoni tal-forma legali tal-fornituri ta' taħriġ u mad-detenzjoni tal-kapital azzjonarju.

2. **Ksur tad-Direttiva 2005/36/KE u tal-Artikolu 49 TFUE dwar il-libertà ta' stabbiliment.**

Il-Kummissjoni tqis li r-rekwiżit tal-paragrafu 2 tat-Taqsima A, tal-artikolu uniku tad-digriet ministerjali Nru 109088/12.12.2011, li jistabbilixxi li ċ-ċertifkat tat-taħriġ tal-medjatur għandu jikkonferma l-metodi ta' tagħlim, in-numru ta' parteċipanti, in-numru u l-kwalifika tal-għalliema, il-proċedura tal-eżami u ta' evalwazzjoni tal-kandidati u l-modalità li biha tiġi żgurata l-oġġettività ta' tali proċedura, imur lil hinn minn dak li huwa neċessarju għall-evalwazzjoni tal-livell ta' konoxxenzi u tal-kwalifiki professjonali li jiġu preżunti għandu ld-detentur taċ-ċertifikat u ma jippermettix li tiġi evalwata korrettement il-kwistjoni dwar jekk it-taħriġ tal-persuna kkonċernata jirrigwardax materji li huma sostanzjalment differenti minn dawk koperti mill-akkreditazzjoni rikjesta fil-Greċja. Għal dawn ir-raġunijiet id-dispożizzjoni suesposta tmur kontra l-Artikoli 13, 14, 50 u l-Anness VII tad-Direttiva 2005/36/KE.

Barra minn hekk, il-paragrafu 5 tat-Taqsima A tad-digriet ministerjali suespost jimponi fuq il-medjaturi barranin li jkunu kkwalifikat b'mod sħiħ l-obbligu li juru li għandhom ukoll esperjenza tal-inqas ta' tliet parteċipazzjonijiet fi proċeduri ta' medjazzjoni qabel ma jiġi rrikonoxxuti l-kwalifiki tagħhom fil-Greċja, filwaqt li tali obbligu ma huwiex impost fuq medjaturi li jiksbu t-taħriġ professjonali tagħhom fil-Greċja. Konsegwentement, id-dispożizzjoni suesposta tmur kontra l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/36/CE li jipprovdi li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tagħti aċċess għall-professjoni, bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu, lil dawk l-applikanti li jkunu rċevew ċertifikat minn Stat Membru ieħor, u tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzzjoni kif previst fl-Artikolu 49 TFUE.

---

([1]) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (GU 2006, L 376, p. 36).

([2]) Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (GU 2005, L 255, p. 22).

---

**Appell ippreżentat fil-5 ta' Jannar 2018 minn MS mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) fil-31 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-17/16, MS vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-19/18 P)**

(2018/C 083/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant:* MS (rappreżentant: L. Levi, avocate)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2017 fil-Kawża T-17/16;

— konsegwentement, tirrinvija l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal deċiżjoni fuq il-mertu tar-rikors imressaq quddiemha fl-ewwel istanza jew, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, tilqa' t-talbiet tal-appellant fl-ewwel istanza u, għaldaqstant,

— tirrikonoxxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 268 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE;

— tordna l-produzzjoni tad-dokumenti ddikjarati mill-Kummissjoni bħala kunfidenzjali u li jikkostitwixxu s-sostenn meħtieġ mid-deċiżjoni ta' tkeċċija;

— tordna l-kumpens għad-dannu morali li jirriżulta mill-aġir żbaljat tal-Kummissjoni, evalwati *ex aequo et bono* għal EUR 20 000;

— tobbliga lill-Kummissjoni li tippubblika ittra ta' apoloġija lill-appellant u li tintegrah fi ħdan Team Europe;